Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 566/2016

**Sunfish Limited (C19030)**
**(appellata)**

**Vs**

**Nanna Ignis Limited (C69152)**
**(appellanti)**

17 ta' Ġunju, 2019.

1. **Dan huwa appell tal-konvenuta minn sentenza tat-Tribunal għal-Talbiet Żgħar fl-20 ta' Novembru 2018 dwar il-pretensjoni attriċi għall-ħlas ta' servizzi li qalet li tat lill-konvenuta fir-rigward tal-bastimen Alexander K.**

2. Fil-qosor quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar il-proċeduri żviluppaw b'dan il-mod:

   2.1. Permezz ta' Avviż tat-Talba preżentat fit-28 ta' Novembru 2016, l-attriċi talbet lit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar sabiex jikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallasha l-ammont ta' €3,587.24 rappreżentanti servizzi reżi lilha minnha fuq ordni tagħha stess fis-sena 2015 u 2016, skont statement eżebit bħala '**Dok A**', flimkien mal-interessi bl-għola rata permess mil-liġi sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjeż u l-imgħax skont il-liġi inkluż l-ittra uffiċjali numru 2280/2016 u l-mandat ta' sekwestru numru 2051/2016.

   2.2. Il-konvenuta wieġbet illi: (i) fl-ewwel lok is-soċjetà attriċi għandha tispjega liema servizzi allegatament irrenditilha u tipprova li kienet il-konventuta li talbitha tali servizzi; (ii) hija qatt ma talbet servizzi mingħand is-soċjetà attriċi u l-uniċi servizzi li tirrikjedi f'Malta relatati mal-bastiment 'Alexander K' huma dawk ta' aġent liema tieħu ħsieb hija stess u dawk ta' rmiġġ liema

jitħallsu direttament lil Transport Malta; u (iii) fil-kumplament it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

2.3. B' sentenza mogħtija fl-20 ta' Novembru 2018, it-Tribunal għal Talbiet Żgħar iddeċieda billi laqa' t-talba tas-soċjetà attriċi fl-ammont ta' erbat elef sebgħa mija u erbgħa u sittin ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€4,764.84) kwantu għal erbat elef u tmienja u tletin ewro (€4,038) l-ammont dovut u seba' mija u sitta u għoxrin ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€726.84) VAT bl-imgħax dekorribbli mid-data tas-sentenza. Spejjeż jitħallsu kwantu għal tlett kwarti mis-soċjetà konvenuta u kwart mis-soċjetà attriċi.

3. Mis-sentenza appellat il-konvenuta fl-4 ta' Diċembru 2018. L-aggravji tagħha huma li: (i) is-sentenza tat-Tribunal hija *ultra petita* stante li ġie mogħti iżjed minn dak li ntalab mill-appellati fit-talba tagħhom; (ii) it-Tribunal għamel analiżi ħażina tal-provi meta sab li l-appellanti ma kkontestawx iċ-*charges* u kkontestaw biss iċ-*charges* għall-*collection of garbage* u għas-servizz tad-dawl u l-ilma; (iii) it-Tribunal għamel kalkolu ħażin u qies ħażin l-ammonti li skontu kellhom jiġu mnaqqsa.

4. L-appellata da parti tagħha wieġbet illi s-sentenza appellata hija fil-mertu ekwa u ġusta u jistħoqqilha li tiġi konfermata.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>:**

5. Permezz tal-**ewwel aggravju** l-appellanti tilmenta li s-sentenza tat-Tribunal hija *ultra petita* stante li ġie mogħti iżjed minn dak li ntalab mill-appellati fit-talba tagħhom.

6. Bla dubju dan l-aggravju hu ġustifikat. Mis-sentenza appellata ma jirriżultax kif it-Tribunal wasal għas-somma ta' €4,764.84 li kkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attriċi.

7. It-talba tal-attur kienet biss għas-somma ta' €3,587.24, oltré spejjeż u imgħax. Skont l-*invoice* immarkata '**Dok A**' annessa mal-Avviż ta' Talba din is-somma tinkludi miżata ta' €26 kuljum kif ukoll miżta għal '*collection of garbage*' għal perjodu bejn it-23 ta' Novembru 2015 u l-1 ta' Awissu 2016 li minnhom tnaqqsu żewġ pagamenti, wieħed ta' €390 u l-ieħor ta' €1,000.

8. Ladarba t-Tribunal wasal għall-konklużjoni li l-pretensjonijiet attriċi għall-'*collection of garbage*' huma nfondati u hija dovuta biss il-miżata ta' €26 kuljum,

huwa loġiku li s-somma kellha tkun inqas mis-somma ta' €4,764.84 li kkundannat lill-konvenuta tħallas lill-attriċi.

9. Dan l-aggravju huwa għalhekk mistħoqq. Iżda peress li l-kalkolu ta' kwalsiasi somma allegatament dovuta jiddependi fuq dak li se jingħad 'l quddiem, il-komputazzjoni tal-*quantum* ma tistax issir f'dan l-istadju.

10. Permezz tat-**tieni aggravju** l-appellanti tilmenta li t-Tribunal għamel analiżi ħażina tal-provi meta sab li l-appellanti ma kkontestawx iċ-*charges* u kkontestaw biss iċ-*charges* għall-*collection of garbage* u għas-servizz tad-dawl u l-ilma. Tikkkontendi li Carmelo Scicluna, id-direttur tagħha, għamilha ċara li għalkemm oriġinarjament kien qabel li jħallas €26 kuljum għall-irmiġġ, wara li huwa ġie nfurmat li l-ħlasijiet tal-irmiġġ għandhom jitħallsu direttament lill-Transport Malta u mhux lill-attriċi, huwa kien waqqaf il-ħlasijiet tal-irmiġġ lis-soċjetà appellata u minflokk ħallas dak dovut lill-Transport Malta skont il-fatturi eżebiti. Tgħid li min-naħa l-oħra Victor Zammit, in rappreżentanza tal-appellata, ta' verżjonijiet kontradittorji u filwaqt li iniżjalment xehed li s-servizz minnu mogħti lill-appellanti kien biex jorbot l-bastiment fil-moll operat mill-attriċi u fl-affidavit tiegħu qal li s-servizz minnu mogħti kien biex il-bastiment tal-appellanti jitrakka miegħu, in kontro-eżami qal li s-servizz mogħti ma kienx ta' rbit iżda għal *watchman*, dawl u ilma.

11. Fid-19 ta' Ottubru 2017, Victor Zammit mistoqsi x'servizzi kien joffri lill-konvenuta wieġeb:

> '*Dak kien ġie u kellu bżonn jitrakka mal-boats tiegħi u* ***tajtu s-servizzi li jista' jorbot hemmhekk, u kont nieħu l-garbage u jekk kellu bżonn xi ħaġa jew dan****; u ċċarġjajtu tal- ...'*[1]

12. Madankollu fl-affidavit sussegwenti tiegħu qal li s-soċjetà attriċi topera minn *Church Haywaf Marsa* li ngħatalha minn Transport Malta u:

> '*3. ... toffri ċertu servizzi bil-ħlas għall-bastimenti ta' daqs differenti ...*
>
> *4. Illi dawn is-servizzi jinkludu imma mhux limitati għall-użu tal-area, l-elettriku u l-ilma mill-art għal bastimenti biex ikunu jistgħu joperaw mingħajr generator; security u l-ġbir taż-żibel;*
>
> *5. Illi l-bastiment Alexander K ta' Nanna Ignis Limited (C-69152), daħal u kellu bżonn jitrakka mal-boats tiegħi u juża s-servizzi li semmejt qabel.'*[2]

[1] Fol. 16
[2] Fol. 27.

13. In kontro-eżami[3] Victor Zammit ikkonferma illi l-ebda servizzi offruti lis-soċjetà appellanti ma huma relatati mal-irmiġġ għaliex dawk jitħallsu direttament mill-appellanti lil Transport Malta, iżda jirreferu għall-ġbir ta' *garbage,* dawl, ilma, *security* u tinda għall-*istorage*. Din hi posizzjoni għal kollox differenti minn dik li ta meta xehed l-ewwel darba u fl-affidavit. Zammit ma ta l-ebda raġuni għalfejn biddel il-verżjoni. Fatt li t-Tribunal lanqas biss ma kkunsidra. Il-qorti hi tal-fehma li meta Zammit varja l-verżjoni b'dak il-mod daqstant sfaċċat mingħajr ma ta raġuni, isir xhud mhux kredibbli u t-Tribunal kellu jieħu nota ta' dan.

14. Min-naħa l-oħra Carmelo Scicluna xehed[4] illi l-bastiment Alexander K sar proprjetà tal-appellanti f'Novembru tas-sena 2015 u kien jirmiġġah fl-akwata magħrufa bħala Mifsud Veranda fejn jirmiġġaw l-bastimenti tas-sajd. Igħid li wara ċertu żmien Victor Zammit talbu €1,000 għall-użu tal-iskip u tad-dawl u kien ħallsu. Carmelo Scicluna jgħid li dan kien bejn **Mejju u Ġunju 2015** liema data tistona mal-fatt li huwa qed jirreferi għall-perjodu wara li l-konvenuta appellanti xtarat l-bastiment in kwistjoni f' **Novembru 2015** – il-kronoloġija ma ssegwix. In-kontro-eżami qal iżda li wara li ħallas l-€1,000 induna li l-vapur kien għadu ma daharx fuqu.[5]

15. Carmelo Scicluna kompla jgħid li ġimgħatjen wara Zammit talbu €90 oħra għall-iskip u għalkemm oġġezzjona li jħallas din is-somma, ħallsu xorta iżda minn dak iż-żmien l' hemm qatt ma reġa' uża l-iskip. Jgħid ukoll li ġranet wara kien talbu €300 oħra għad-dawl u ħallsu dak il-ħin stess. Xehed li sussegwentement Victor Zammit qatt ma talbu ebda ħlasijiet oħra. Imbagħad, fis-17 ta' Awissu 2016 Transport Malta infurmatu li ladarba l-appellata ma kinitx l-aġent tiegħu, l-ispejjeż tal-irmiġġ riedu jitħallsu direttament lilha liema miżata tħallset lill-Transport Malta mill-25 t' April 2016 'l quddiem.[6] Ikkonkluda jgħid li qatt ma daħal f'relazzjoni kummerċjali mal-appellata u ma jafx għal xiex jirreferu s-'*services rendered'* li għalihom tirreferi l-invoice annessa mal-Avviż ta' Talba. Dwar il-*garbage collection* jgħid li l-appellanti kienet tieħu ħsieb tarmi l-iskart tagħha wara l-episodju fejn kienet ġiet mitluba tħallas €90 mill-appellata għall-użu tal-iskip.

16. In kontro-eżami, fuq mistoqsija tat-Tribunal, Carmelo Scicluna qal iżda li meta xtara l-bastiment l-arranġament ma' Victor Zammit kien:

> '***Xhud:***
> *qalli għandek sitta u għoxrin kull jum. La qalli ta' l-iskip, la qalli t'hekk, la qalli t'hekk ...*
>
> ***It-Tribunal:***

---

[3] Fol. 88 *et seq*.
[4] Fol. 30 *et seq*.
[5] Fol. 94.
[6] Fol. 33 – 35.

*U int qbilt magħha li sitta u għoxrin kuljum.*

***Xhud:***
*Da żgur għax jiena ...*

***It-Tribunal:***
*Qbilt; ok. Dak li ridt inkun naf minn għandek jien.'*

17. Jibqa' l-fatt li kien hemm ftehim bejn il-kontendenti, u l-konvenuta kienet qegħda tagħmel il-ħlasijiet. Fil-fatt fit-8 ta' April, 2016 il-konvenut ħallset is-somma ta' elf ewro (€1,000) bħala pagament akkont. Dan fih innifsu hu prova biżżejjed tal-ftehim u l-konvenuta kienet aċċettat li tħallas il-kont. Issa l-konvenuta ma tistax tipprova targumenta li ma ngħata l-ebda servizz. Kieku ma ngħatax servizz fit-8 ta' April, 2016 ma kinitx ser tħallas elf ewro (€1,000).

18. Ma jirriżultax li wara dak il-pagament kien sar xi ftehim ieħor bejn il-kontendenti minkejja li Transport Malta bagħatet għall-konvenut u talbitu sabiex jibda jħallas lilha għall-*berthing fees*. Hu fatt li jidher li l-konvenuta bdiet tħallas lil Transport Malta b'effett mill-25 ta' April, 2016. Fil-fehma tal-qorti f'dak l-istadju kien dmir tal-konvenuta li tasal fi ftehim mal-attriċi. Wara kollox kienet qegħda tagħmel użu minn *berth* li kienet allokata lill-attriċi. M'hemmx prova li Transport Malta kienet itterminat l-allokazzjoni ta' dik il-*berth* lill-attriċi.

19. Għaldaqstant, l-obbligu li tkompli tħallas lill-attriċi hemm kien u baqa'. Hu veru li Conrad Muscat (commercial manager ta' Transport Malta) xehed li, *"Berthing fees relatati ma' vapuri li jorbtu għand is-Sunfish pero' li s-Sunfish m'huwiex aġent tagħhom jew operatur tagħhom jew l-owner tagħhom, il-berthing fees jitħallsu lill-Awtorita"*.[7] Madankollu, jibqa' l-fatt li kien hemm ftehim ċar bejn il-partijiet. Ftehim li ma jidhirx li ġie tterminat, ġialadarba l-konvenuta baqgħet tagħmel użu minn waħda mill-*berths* allokati lill-attriċi. Jista' jkun li l-attriċi, skont il-kuntratt li kellha ma' Transport Malta, ma setgħetx tagħmel dak it-tip ta' ftehim mal-konvenuta. Pero' dik hi materja li kellha tara Transport Malta mal-attriċi u l-konvenuta ma tistax tevita l-obbligu li tħallas dak li ftehemet dwaru mal-attriċi. Conrad Muscat stess xehed li, '*jekk għamlu xi arranġament ieħor over and above jiena mhux ser nidħol fl-arranġament ta' bejniethom'*.[8]

20. Fl-appell l-appellanti tirreferi għall-*invoices* oħra maħruġa mill-appellata li jindikaw li l-miżata ta' €26 kuljum kienet tinkludi '*use of quay, storage and services rendered'* u li l-użu tad-dawl u l-iskip kien jiġi *invoiced* separatament. Dawn l-*invoices* huma:

[7] Fol. 60.
[8] Fol. 60.

i. waħda bla data li tkopri l-perjodu bejn id-29 ta' Mejju 2015 u l-31 ta' Diċembru 2015 u fiha jingħad li sar *payment on account* ta' €1,000 fis-6 ta' Awissu 2015 u ħlas ieħor ta' €390 fit-8 ta' April 2016;[9] u

ii. oħra datata 30 ta' Ġunju 2015 bejn it-28 ta' Mejju 2014 u t-30 ta' Lulju 2014 u fiha jingħad li sar *payment on account* ta' €1,000 fis-6 ta' Awissu 2015.[10]

21. Dawk id-dokumenti huma prova li kien hemm ftehim bejn il-partijiet li l-konvenuta tħallas is-somma ta' €26 għal kull ġurnata. Tant kien sar dak il-ftehim, li l-konvenuta kient tħallas.

22. Għaldaqstant tiċħad it-tieni aggravju.

23. Permezz tat-**tielet aggravju** l-appellanti tilmenta li t-Tribunal għamel kalkolu ħażin u qies ħażin l-ammonti li skontu kellhom jiġu mnaqqsa.

24. Dan huwa minnu. It-Tribunal wasal għall-konklużjoni li l-pretensjonijiet attriċi għall-'*collection of garbage*' huma nfondati u hija dovuta biss il-miżata ta' €26 kuljum (ara l-aħħar faċċata tas-sentenza). Ladarba l-pretensjoni attriċi hija fis-somma ta' €3,587.24, minnha jridu jitnaqqsu *garbage collection fees* li skont '**Dok A'** jammontaw għal €240. Peress li fuqhom l-attriċi appellata kkalkulat ukoll il-VAT, trid titnaqqas somma ulterjuri ta' 18% fuq dak l-ammont. B'hekk is-somma totali li għandha titnaqqas mis-somma reklamata mill-attriċi hi ta' €283.20 b'dan illi l-ammont dovut mill-appellanti hu **tlett elef tlett mija u erba' ewro u erba' ċenteżmi (€3,304.04)**.

25. L-appellanti tippretendi ukoll li għandha titnaqqas is-somma ta' €430 rappreżentanti l-ispejjeż ta' '*electrical services*' u '*skip for garbage*' skont l-*invoice* tat-30 ta' Ġunju 2015. Il-qorti ma taqbilx. Il-pretensjoni attriċi ġiet bażata fuq '**Dok A'** li tkopri l-perjodu bejn it-<u>23 ta' Novembru 2015 sal-1 ta' Awissu 2016</u>. Ladarba l-perjodi indikati fl-*invoice* tat-30 ta' Ġunju 2015 ma jiffigurawx fit-talba attriċi u lanqas ma saret xi rikonvenzjoni f'każ li dawk l-ammonti tħallsu diġa, l-ebda tnaqqis relattiv għal dik l-*invoice* ma jista' jsir mill-ammont reklamat permezz tal-proċeduri odjerni.

---

[9] Fol. 36.
[10] Fol. 37.

**Għal dawn il-motivi sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq tilqa' parti mill-aggravji u tvarja s-sentenza tal-20 ta' Novembru 2018 u minflok tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attriċi s-somma ta' tlett elef tlett mija u erba' ewro u erba' ċenteżmi (€3,304.04). Għall-kumplament tikkonferma s-sentenza. Spejjeż tal-appell jinqasmu in kwantu għal 75% a karigu tal-konvenuta u 25% a karigu tal-attriċi.**

Anthony Ellul.